MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-13 ta' Awwissu, 2015

Citazzjoni Numru. 551/2014

Silvio u Olivia konjuġi **FRENDO**

vs

Rudolph **GATT**, u b'degriet tat-28 ta' Awwissu, 2014, il-kumpannija GasanMamo Insurance Limited tħalliet tidħol fil-kawża *in statu et terminis*

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fl-24 ta' Ġunju, 2014, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-atturi talbu li din il-Qorti (a) issib li l-imħarrek waħdu jaħti għall-ħabta bejn żewġ vetturi li ġrat fi Triq il-Belt Valletta, l-Imdina, fid-29 ta' Mejju, 2011, bejn il-vettura reġistrata HON-140 misjuqa mill-imsemmi mħarrek u l-vettura XAL-281, misjuqa mill-attur u li miegħu kienet riekba martu l-attriċi, u għalhekk waħdu jaħti għad-danni li l-istess atturi ġarrbu fl-imsemmija ħabta; (b) tillikwida, jekk meħtieġ billi tqabbad perit għal dan il-għan, id-danni mġarrbin minnhom, konsistenti kemm *f'damnum emergens*, fi spejjeż rikorrenti, u wkoll f'*lucrum cessans* minħabba debilita' li ma tgħaddix; u (ċ) tikkundanna lill-imħarrek biex iħallashom id-danni hekk likwidati. Talbu wkoll l-ispejjeż u l-imgħax legali;

Rat id-degriet tagħha tal-10 ta' Lulju, 2014, li bih tat ordnijiet lill-atturi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom u kif ukoll li ssir in-notifika tal-atti tar-Rikors Maħluf lill-imħarrek, filwaqt li qiegħdet il-kawża għas-smigħ;

Rat id-degriet tagħha tat-28 ta' Awwissu, 2014, li bih u wara talba li saritilha b'rikors imressaq fl-24 ta' Lulju, 2014, ħalliet lill-kumpannija GasanMamo Insurance Limited tintervjeni fil-kawża *in statu et terminis*;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fil-11 ta' Awwissu, 2014, li biha l-imħarrek laqa' għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qajjem l-eċċezzjoni tal-*lis alibi pendens* għall-finijiet tal-artikolu 792 tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili ta' Malta u dan fid-dawl ta' proċedura oħra li l-istess atturi fetħu kontrih quddiem iċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ li biha qegħdin hemmhekk ukoll jitolbu l-ħlas tad-danni mingħandu; qal, għalhekk, li l-azzjoni attriċi nbdiet qabel waqtha (l-eċċezzjoni tal-intempestivita'); u li l-kawża ma jmisshiex infetħet kontrih imma kontra l-kumpannija assikuratriċi tiegħu. Fil-mertu, laqa' billi qal li ma jaħti bl-ebda mod għall-ħabta u wkoll jekk b'xi mod kellu xi ħtija, dan ma jgħoddx għalih waħdu imma wkoll għall-atturi nfushom li ġabu l-ħsara b'idejhom għaliex ma kinux lebsin iċ-ċinturin tas-sigurta' fil-ħin tal-ħabta.

Temm jgħid li d-danni li l-atturi jippretendu li ġarrbu huma eżaġerati u mkabbrin billi ma ntużax il-"*weighted average*";

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-kumpannija GasanMamo Insurance Limited intervenuta fil-kawża fit-2 ta' Settembru, 2014 laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari qalet li għalkemm fil-waqt tal-inċident l-imħarrek u l-vettura minnu misjuqa kienu koperti b'polza ta' assikurazzjoni, din il-polza ma baqgħetx torbot ladarba l-assikurat imħarrek u missieru naqsu li jagħtuha tagħrif meħtieġ u minnha lilhom mitlub, liema nuqqas jikkostitwixxi nuqqas ta' *uberrima fides*. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li t-talbiet attriċi mhumiex mistħoqqa u la fil-fatt u lanqas fid-dritt għaliex id-danni li l-atturi ġarrbu ma ġrawx bi ħtija tal-imħarrek Rudolph Gatt imma bi ħtija tagħhom infushom, ladarba ma kinux lebsin iċ-ċinturin tas-sigurta' fil-ħin tal-ħabta. Ta' dan in-nuqqas iridu jwieġbu l-atturi nfushom. Temmet tgħid li l-atturi jridu jippruvaw kif imiss in-natura tad-danni li huma jippretendu li ġarrbu minħabba l-ħabta;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari mqajma mill-imħarrek Gatt dwar jekk din il-Qorti jmisshiex tissospendi s-smigħ tal-kawża (soprasessjoni) fid-dawl tal-eċċezzjoni tal-*lis alibi pendens*;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta' Diċembru, 2014, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' danni mġarrba f'ħabta bejn żewġ vetturi. L-atturi jgħidu li l-ħabta ġrat bi ħtija waħdanija tal-imħarrek u f'dik l-okkażjoni

huma ġarrbu danni minħabba l-ġrieħi li ma jfiqux. Iridu li l-imħarrek jagħmel tajjeb għall-imsemmija danni;

Illi għal din l-azzjoni l-imħarrek laqa' billi, b'mod preliminari, qajjem l-eċċezzjoni tal-*lis alibi pendens* għall-finijiet tal-artikolu 792 tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili ta' Malta u dan fid-dawl ta' proċedura oħra li l-istess atturi fetħu kontrih quddiem iċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ li biha qegħdin hemmhekk ukoll jitolbu l-ħlas tad-danni mingħandu; qal, għalhekk, li l-azzjoni attriċi nbdiet qabel waqtha (l-eċċezzjoni tal-intempestivita'); u li l-kawża ma jmisshiex infetħet kontrih imma kontra l-kumpannija assikuratriċi tiegħu. Qajjem ukoll eċċezzjonijiet fil-mertu;

Illi l-kumpannija intervenuta fil-kawża laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari qalet li għalkemm fil-waqt tal-inċident l-imħarrek u l-vettura minnu misjuqa kienu koperti b'polza ta' assikurazzjoni, din il-polza ma baqgħetx torbot ladarba l-assikurat imħarrek u missieru naqsu li jagħtuha tagħrif meħtieġ u minnha lilhom mitlub, liema nuqqas jikkostitwixxi nuqqas ta' *uberrima fides*. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li t-talbiet attriċi mhumiex mistħoqqa u la fil-fatt u lanqas fid-dritt għaliex id-danni li l-atturi ġarrbu ma ġrawx bi ħtija tal-imħarrek Rudolph Gatt imma bi ħtija tagħhom infushom, ladarba ma kinux lebsin iċ-ċinturin tas-sigurta' fil-ħin tal-ħabta. Ta' dan in-nuqqas iridu jwieġbu l-atturi nfushom. Temmet tgħid li l-atturi jridu jippruvaw kif imiss in-natura tad-danni li huma jippretendu li ġarrbu minħabba l-ħabta;

Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari mqajma mill-imħarrek Gatt;

Illi għal dak li jirrigwarda l-fatti rilevanti li jinteressaw l-istħarriġ tal-eċċezzjoni taħt eżami joħroġ li fid-29 ta' Mejju, 2011, seħħet ħabta bejn żewġ vetturi fi Triq il-Belt Valletta, limiti tal-Imdina, għall-ħabta tal-erbgħa neqsin kwart ta' filgħodu. L-attur kien qed isuq il-vettura tal-għamla *Toyota Hilux* reġistrata XAL-281. Martu l-attriċi kienet riekba miegħu bħala passiġġier fuq quddiem. L-imħarrek kien qed isuq il-vettura tal-għamla *Honda Civic* reġistrata HON-140;

Illi mal-ħabta kemm l-atturi u kif l-imħarrek ġarrbu ġrieħi gravi, u minħabba f’hekk il-Maġistrat tal-Għassa ordnat li ssir inkjesta u ħatret esperti biex jgħinuha f’dan ix-xogħol;

Illi l-vettura misjuqa mill-imħarrek kienet reġistrata fuq isem missieru u dakinhar tal-ħabta kienet assikurata mal-kumpannija intervenuta fil-kawża (minn issa ’l quddiem imsejħa “GMI”) taħt polza ta’ assikurazzjoni “*Third Party Fire & Theft*”. Il-polza kienet inħarġet madwar xahrejn qabel ma ġrat il-ħabta;

Illi b’riħet il-ħabta, l-atturi ġarrbu ġrieħi li ma jgħaddux u qabbdu konsulenti mediċi biex iqisu x’kellhom u l-grad ta’ debilita’. Il-vettura tal-attur kienet assikurata ma’ Citadel Insurance p.l.c.;

Illi f’April tal-2012 u fi Frar tal-2014, l-atturi interpellaw lill-imħarrek biex jersaq għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni mġarrbin minnhom;

Illi fis-27 ta’ Mejju, 2014, l-attur u l-kumpannija assikuratriċi tiegħu (li huwa kien issurrogaha fil-jeddijiet tiegħu) fetħu proċedura kontra l-imħarrek quddiem iċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ biex jitolbuh iħallashom id-danni fis-somma ta’ tlitt elef sitt mija u erba’ euro u tlieta u tmenin ċenteżmi (€ 3604.83) minħabba l-imsemmija ħabta;

Illi fl-24 ta’ Ġunju, 2014, l-atturi fetħu din il-kawża;

Illi l-<u>konsiderazzjonijiet ta’ xejra legali</u> marbutin mal-eċċezzjoni taħt eżami jintrabtu mal-kwestjoni dwar jekk il-proċeduri mnedija mill-attur u l-kumpannija assikuratriċi tiegħu quddiem iċ-Ċentru Malti ta’ l-Arbitraġġ jikkostitwix l-element tal-“*lis alibi*” li jsejjes l-artikolu 792 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Illi l-eċċezzjoni li dwarha qiegħda tingħata din id-deċiżjoni hija waħda li tista' tingħata f'kull waqt tal-kawża sas-sentenza, u l-Qorti, meta tingħatalha dik l-eċċezzjoni, għandha tiddeċidiha b'kap għaliha qabel tgħaddi biex tqis il-mertu proprju tal-kawża, iżda tista' tqis mill-mertu dak li jista' jolqot id-deċiżjoni tal-kwestjoni preliminari, bħalma jiġri fil-każ tal-eċċezzjonijiet ta' natura dilatorja;

Illi l-eċċezzjoni tal-*lis alibi pendens* kif imfissra fl-artikolu 792 tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili hija maħsuba li tagħti s-setgħa lill-Qorti li tagħżel li, kawża mressqa quddiemha li l-mertu tagħha ("l-istess oġġett") qiegħed jinstama' diġa' minn Qorti kompetenti oħra f'kawża mressqa qabilha, tgħaddi t-tieni kawża biex tinstama' minn dik il-Qorti l-oħra flimkien mal-ewwel kawża. L-għan ta' din l-eċċezzjoni ġie mfisser bħala dak li bih il-mertu ta' żewġ kawżi li huwa l-istess jinstama' fi proċess wieħed, b'mod li, jekk dik l-eċċezzjoni tintlaqa', tneħħi mill-Qorti li għandha quddiemha t-tieni kawża l-kompetenza li tkompli tismagħha;

Illi f'dan id-dawl, jingħad li għalkemm il-liġi tħalli għażla lill-Qorti jekk tgħaddix jew le t-tieni kawża lill-Qorti li qiegħda tisma' l-ewwel kawża fuq l-istess mertu, tali għażla mhux suppost tibqa' jekk kemm-il darba l-elementi tal-*litis pendentia* jseħħu u jiġu pruvati wara li tittella' eċċezzjoni bħal dik. Jingħad li dan huwa, fil-qofol, dak li jagħraf lil din l-eċċezzjoni minn dik li tixxiebah magħha tal-konnessjoni tal-kawżi;

Illi minħabba f'hekk, din l-eċċezzjoni titqies bħala waħda perentorja tal-ġudizzju, u tixxiebah (f'dak li għandu x'jaqsam mal-elementi kostitutivi tagħha) mal-eċċezzjoni tal-ġudikat;

Illi l-elementi li jsejsu l-eċċezzjoni tal-*litis pendentia*, għalhekk, huma (a) li l-partijiet fiż-żewġ kawżi huma l-istess; (b) li l-mertu taż-żewġ kawżi jkun l-istess; (ċ) li t-talba fit-tieni kawża tkun bħal dik fl-ewwel kawża, ukoll jekk tkun miżjuda ma' talbiet oħrajn; u (d) li l-Qorti li qiegħda tisma' l-ewwel kawża jkollha l-kompetenza tissokta tismagħha;

Illi f'din il-kawża, l-atturi jilqgħu għall-eċċezzjoni mqajma mill-attur għaliex jisħqu li t-talbiet f'din il-kawża jirrigwardaw aspett li ma jolqotx il-proċediment quddiem iċ-Ċentru tal-Arbitraġġ;

Illi l-Qorti qabblet l-atti tar-rikors promotur f'din il-kawża li għandha quddiemha mal-att tal-Avviż ta' Arbitraġġ imressaq mill-attur u l-assikuratriċi tiegħu u ssib li (a) dik il-proċedura, bħal f'din il-kawża, hija bejn l-istess partijiet (għaliex il-kumpannija assikuratriċi daħlet bħala parti kif surrogata fil-jeddijiet tal-attur assikurat tagħha); u (b) li dik il-proċedura, bħal f'din il-kawża, qiegħda titlob is-sejbien tal-ħtija tal-imħarrek għall-ħabta li ġrat fl-istess każ. Madankollu, (ċ) filwaqt li l-"*causa petendi*" ta' dik il-proċedura huwa l-likwidazzjoni tad-danni marbuta mal-ħsarat fil-vettura, f'din il-kawża l-atturi qegħdin jitolbu l-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni mġarrbin minnhom personalment għad-debilita' li ma tgħaddix;

Illi dwar l-identita' tal-oġġett ġie għadd ta' drabi mgħallem li biex ikun hemm din l-identita' mhux meħtieġa identita' materjali, jiġifieri assoluta u dan għaliex il-liġi "*non guarda ad una identita' meramente materiale, sebbene all'intento finale cui mira chi propone una domanda in via di azione ed alla questione che per conseguirlo e' necessario formulare e sottoporre alla decisione del giudice*";

Illi meta wieħed jifli sewwa x'inhuma l-għanijiet li l-atturi jridu jilħqu fil-kawża li l-Qorti għandha quddiemha, wieħed isib li din tintrabat biss mal-kwestjoni tal-likwidazzjoni tad-danni mġarrbin minnhom fl-imsemmi inċident minħabba d-debilita' li sofrew. Issa skond id-dispożizzjonijiet espressi tal-liġi ma taqax taħt is-setgħat tal-Arbitraġġ (u aktar minn hekk fi proċedura ta' arbitraġġ mandatorju) kull tilwima ċivili li tirrigwarda d-danni għal ħsara fil-persuna. Dan ifisser, għalhekk, li l-proċedimenti mnedija mill-attur u l-assikuratriċi tiegħu quddiem iċ-Ċentru tal-Arbitraġġ ma jistgħu bl-ebda mod jinvestu t-talbiet imressqa mill-atturi f'din il-kawża;

Illi b'żieda ma' dan kollu, l-effett li tintlaqa' l-eċċezzjoni tal-*lis alibi pendens* huwa dak li l-Qorti li quddiemha tinġieb it-tieni kawża fuq l-istess ħaġa tibgħat l-atti lill-qorti li tkun għadha qiegħda tisma' l-ewwel

kawża mressqa dwar dik il-ħaġa, u mhux li tieqaf milli tibqa' tisma' l-kawża sakemm tinqata' l-ewwel waħda. Dan qiegħed jingħad għaliex l-imħarrek donnu jrid jinqeda b'din l-eċċezzjoni tiegħu biex jitlob lil din il-Qorti twaqqaf is-smigħ tal-kawża sakemm jinqata' l-arbitraġġ. Għalkemm ġieli jintrabtu ma' xulxin, l-eċċezzjoni taħt eżami u dik tas-soprasessjoni mhumiex l-istess ħaġa;

Illi huwa aċċettat li s-soprasessjoni tista' b'mod eċċezzjonali tingħata meta tali smigh fl-istess waqt taż-żewġ kawżi ma jkunx jista' jsir, iżda, billi hija eċċezzjoni għar-regola ġenerali li kull kawża għandha tinstama' sakemm tiġi maqtugħa, trid tingħata dejjem taħt kundizzjonijiet li għandhom ikunu serji biżżejjed biex dan isir. Kemm hu hekk, ingħad saħansitra f'sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, li l-eċċezzjoni tas-soprasessjoni fis-sens li l-Qorti għandha tieqaf milli tkompli tisma' kawża bħala tali, fis-sistema proċedurali tagħna, m'hijiex kontemplata għaliex l-eċċezzjoni li l-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jikkontempla hija l-eċċezzjoni magħrufa bħala *lis alibi pendens* u din l-eċċezzjoni tipprospetta neċessarjament li jkun hemm żewġ kawżi għaddejjin fl-istess waqt pendenti quddiem il-qrati li jkollhom l-istess mertu;

Illi huwa minħabba f'hekk li l-Qrati jqisu s-soprasessjoni bħala provvediment ordinatorju mħolli fid-dehen tal-Qorti li quddiemha titressaq talba bħal dik. Provvediment bħal dan huwa meqjus bħala wieħed interlokutorju u, għalhekk, ma jorbotx lill-Qorti li tkun tatu jekk tqum il-ħtieġa li tibdel il-fehma tagħha aktar 'il quddiem, jekk tintwera raġuni tajba biex tagħmel dan;

Illi għalhekk ukoll, il-provvediment tas-soprasessjoni jitqies bħala pass mhux ordinarju li jissospendi s-smigħ ta' kawża, meta n-norma hija, kif ingħad, li kawża li tinbeda għandha tinstama' sa ma tinqata'. Kemm hu hekk, il-provvediment tas-soprasessjoni tqies bħala wieħed "alejatorju" li, minħabba t-termini ebsin tal-Kodiċi Proċedurali dwar is-smigħ tagħhom, jista' jwassal għad-deżerzjoni tal-proċeduri mwaqqfa. Għal bosta snin, il-Qrati tagħna sabu li t-twaqqif ta' smigħ ta' kawża biex tistenna l-eżitu ta' kawża oħra li diġa' tressqet jew sakemm titressaq waħda fuq punt eċċezzjonali huwa rakkomandat biss fil-każ meta jkun hemm lok għas-soluzzjoni ta' xi punt li minnu tabilfors tiddependi l-kawża li sejra titwaqqaf;

Illi minbarra li ma huwiex bit-tressiq tal-eċċezzjoni tal-*lis alibi pendens* li din il-Qorti trid tara jekk twaqqafx is-smigħ tal-kawża fejn ikun hemm kwestjoni li tista' titqiegħed għal arbitraġġ, imma bil-proċedura speċifika maħsuba mil-liġi, l-imħarrek ma weriex raġunijiet tajba biżżejjed lil din il-Qorti biex issib li t-tkomplija tas-smigħ tal-kawża  sejra ġġiblu tassew ħsara li ma tissewwiex jew toħloqlu preġudizzju hekk kbir u tqil li jwassalha biex tagħżel li tieqaf tisma' l-kawża.  Minbarra dan, lanqas kieku din il-Qorti kellha ssib li l-eċċezzjoni mqajma mill-imħarrek kienet tajba, ma tista' qatt tibgħat l-atti ta' din il-kawża biex jitkomplew jitmexxew flimkien mal-ewwel proċedura, għaliex il-liġi nnifisha tneħħi miċ-Ċentru tal-Arbitraġġ il-kompetenza li tittratta f'arbitraġġ mandatorju kwestjoni dwar danni għal ħsara fuq il-persuna;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti mhix sejra tilqa' l-eċċezzjoni taħt eżami;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari** ta' l-imħarrek Rudolph Gatt bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, billi ma hemmx raġunijiet tajbin għaliex din il-Qorti ma għandhiex tkompli tisma' l-kawża minkejja t-teħid mill-attur ta' proċeduri ta' arbitraġġ;

**Tordna** li jitkompla s-smigħ tal-kawża; u

**Tordna** lill-istess imħarrek iħallas l-**ispejjeż** marbuta ma' din is-sentenza.

**Moqrija**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------